



# It-Tieni Stħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja

## Il-benesseri soġġettiv fl-Ewropa

### Sommarju Eżekuttiv

#### Daħla

Il-mod kif naħsbuha dwarna nfuṣna u kif nevalwaw il-kwalità tal-ħajja tagħna huwa influwenzat minn bosta fatturi. Xi wħud minnhom huma oġġettivi: pereżempju kemm naqilgħu flus u x'nifillu nixtru. Iżda l-kwalità tal-ħajja m'hijiex iddeterminata biss mil-livell ta' għajxien li nkunu ksibna. Il-kondizzjonijiet oġġettivi huma żgur marbuta mal-benesseri soġġettiv tagħna, iżda mhux b'mod sempliċi. Dan ir-rapport jeżamina d-diversi fatturi li jinfluwenzaw livelli ta' benessere soġġettiv. Huwa jesplora l-impatt ta' fatturi demografiċi u soċjoekonomiċi, tas-saħħa, l-appoġġ soċjali u l-kwalità tas-soċjetajiet li ngħixu fihom. Huwa jistaqsi sa liema punt dawn il-fatturi jistgħu jispjegaw il-varjazzjonijiet li jidhru fil-livelli ta' benessere soġġettiv f'pajjiżi differenti. L-istudju jeżamina wkoll jekk appoġġ soċjali u servizzi pubbliċi tajbin jistgħux itaffu l-impatt ta' kondizzjonijiet soċjali u ekonomiċi diffiċli li jgħixu fihom iċ-ċittadini Ewropej, biex b'hekk jikkontribwixxu għal kwalità itjeb ta' ħajja.

Ir-rapport huwa bbażat fuq id-dejta tal-Istħarriġ Ewropew tal-2007 dwar il-Kwalità tal-Ħajja (EQLS), li sar mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), fis-27 Stat Membru tal-UE (UE27), fit-tliet pajjiżi kandidati (PK3) u fin-Norveġja.

#### Il-kuntest tal-politika

Hemm rikonoxximent wiesgħa tal-ħtieġa ta' indikaturi tal-kwalità tal-ħajja li jmorru lil hinn mill-indikaturi ekonomiċi tradizzjonali, bħall-prodott gross domestiku (PGD). Is-soċjetà Ewropea qiegħda tinbidel b'pass imgħaġġel, bħala riżultat tal-globalizzazzjoni, tat-tixjiħ u taċ-ċaqliq lejn l-ekonomija tal-għarfien, biex insemmu wħud mill-ixprunaturi. Dawn il-bidliet jistgħu jirriżultaw f'opinjonijiet aktar pessimistika tal-ħajja u livelli ogħla ta' nuqqas ta' sodisfazzjon anki jekk l-indikaturi ekonomiċi jindikaw tkabbir u titjib ġenerali tal-kondizzjonijiet. Id-differenza bejn l-istampa mpingġija mill-istatistika u l-perċezzjoni tan-nies tal-kondizzjonijiet tal-għajxien tagħhom stess qiegħda tkompli tikber, u dan jeħtieġ li jkun indirizzat permezz ta' politika. Hawnhekk ir-riżultati tar-riċerka dwar il-benesseri soġġettiv jistgħu jkunu ta' għajjnuna:

- Indikaturi tal-benesseri soġġettiv, bħall-indiċi ta' kuntentizza jew l-indiċi ta' sodisfazzjon tal-ħajja, jindikaw l-ewvalwazzjoni tan-nies tal-kwalità tal-ħajja tagħhom, bil-valuri u l-preferenzi tagħhom stess.
- Il-livelli mkejla tal-benesseri soġġettiv jistgħu jipprovdu verifika esterna tal-indikaturi ekonomiċi u jistgħu jaġixxu bħala korrettiva.
- Meta jiġu evalwati l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' alternattivi politiċi, ir-riżultati miksuba mir-riċerka dwar il-benesseri soġġettiv jiffurmaw kontribut importanti.
- Il-bidliet fil-livelli ta' benessere soġġettiv huma gwida għall-progress, u jistgħu jintużaw sabieħ ikejlu s-suċċess tal-politiki mmirati lejn it-tkabbir tal-koeżjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali.

#### Sejbiet ewlenin

- Hemm ġerarkija ċara fis-sodisfazzjon tal-ħajja bejn gruppi ta' pajjiżi, bl-ogħla livelli fil-15-il Stat Membru antik tal-UE (UE15) – b'mod partikolari fil-pajjiżi Nordiċi – segwiti mit-12-il Stat Membru l-ġdid (SMĠ12) u bil-livelli l-aktar baxxi fil-PK3.
- Il-parti l-kbira tad-differenzi bejn il-pajjiżi u l-gruppi ta' pajjiżi jirriżultaw mid-differenzi fil-kondizzjonijiet oġġettivi f'dawn il-pajjiżi: karatteristiċi demografiċi, fatturi soċjoekonomiċi, saħħa u diżabilità, appoġġ soċjali u kwalità tas-soċjetà.
- L-analiżi tal-benesseri soġġettiv turi l-importanza kontinwa tat-tfassib ekonomiku tradizzjonali – bħall-benesseri materjali, id-dħul u l-qgħad – għall-kwalità tal-ħajja tan-nies.
- Fil-każ tal-individwu, l-indikatur ewleni bl-ikbar impatt fuq is-sodisfazzjon tal-ħajja huwa l-privazzjoni: il-fatt li wieħed ma jkunx jista' jakkwista oġġetti u servizzi għal stil ta' ħajja bażiku. Il-mard huwa t-tieni fattur li jirriżulta fi tnaqqis kbir ta' sodisfazzjon tal-ħajja fost

il-gruppi kollha ta' pajjiżi. Il-qgħad u d-dħul (b'mod speċjali fil-PK3), kif ukoll edukazzjoni fqira (b'mod partikolari fl-SMĠ12) u l-istruttura familjari wkoll għandhom sehem importanti ħafna.

- Id-dħul jimporta l-aktar meta, bħala riżultat ta' dħul baxx, il-ħtiġijiet bażiċi ma jiġux issodisfati. Meta l-ħtiġijiet bażiċi jiġu ssodisfati, ir-relazzjoni bejn id-dħul u l-benesseri soġġettiv hija aktar dgħajfa. Il-'bonus' ta' sodisfazzjon assoċjat mad-dħul għoli huwa aktar baxx mill-'iżvantaġġ' ta' sodisfazzjon assoċjat mad-dħul.
- Il-mard inaqqs il-benesseri soġġettiv b'madwar punt fuq skala ta' 10 punti fil-gruppi kollha ta' pajjiżi. L-impatt tal-mard fuq il-kuntentizza u l-benesseri emozzjonali huwa saħansitra akbar milli fuq is-sodisfazzjon tal-ħajja.
- In-nies irtirati għandhom livelli ogħla ta' benessere soġġettiv minn dawk li jaħdmu, meta fatturi bħad-dħul u l-appoġġ soċjali jkunu kkontrollati. Dan jissuġġerixxi li l-pressjoni tax-xogħol u l-isfida li wieħed jikkombina x-xogħol u l-ħajja tal-familja għandhom rwol sinifikanti fit-tnaqqis tal-benesseri soġġettiv tan-nies li jaħdmu.
- L-effett tal-edukazzjoni fuq il-benesseri soġġettiv jopera l-aktar permezz tal-impatt tiegħu fuq id-dħul u l-livelli ta' għajxien. Madankollu fl-SMĠ12 il-livelli baxxi ta' edukazzjoni huma assoċjati b'mod dirett ma' livelli aktar baxxi ta' sodisfazzjon tal-ħajja. Huwa interessanti li, livelli ogħla ta' edukazzjoni ma jidhrux li jtejbu l-livelli ta' benessere soġġettiv meta fatturi oħrajn ikunu kkontrollati.
- In-nies romol, iddivorzjati jew separati huma inqas sodisfatti b'ħajjithom, anki meta l-kondizzjonijiet soċjoekonomiċi u l-livelli wiesgħa ta' appoġġ soċjali jkunu kkontrollati. L-impatt negattiv huwa saħansitra akbar fuq il-kuntentizza milli fuq is-sodisfazzjon tal-ħajja. Dan il-mudell jinsab fil-gruppi kollha ta' pajjiżi, ħlief fil-każ tar-romol fil-PK3, u huwa aktar qawwi fil-każ ta' nies li huma ddivorzjati jew separati milli fil-każ ta' nies romol. Il-ġenituri waħedhom li qatt ma żżewġu ukoll jesperjenzaw livelli aktar baxxi ta' sodisfazzjon tal-ħajja fl-UE15 u fl-SMĠ12.
- Id-disponibbiltà ta' appoġġ prattiku u morali mingħand il-familja u l-ħbieb huwa importanti għat-titjib tas-sodisfazzjon tal-ħajja għall-gruppi kollha fl-UE15 u fl-SMĠ12 – iżda mhux fil-PK3. L-appoġġ finanzjarju, il-kapaċità li wieħed jikseb somma sostanzjali ta' flus mingħand xi ħadd fil-każijiet ta' emerġenza, huwa importanti għan-nies li huma vulnerabbli u fil-bżonn.

- Il-kwalità tas-servizzi pubbliċi hija ġeneralment importanti għas-sodisfazzjon tal-ħajja u għandha impatt ferm akbar fuq il-benesseri soġġettiv ta' nies fil-bżonn. Din hija importanti fil-gruppi kollha tal-pajjiżi, filwaqt li l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi – it-tieni kejl ta' kwalità tas-soċjetà – hija importanti biss fl-UE15 u fl-SMĠ12.

## Suġġerimenti ta' politika

- Is-sejbiet jissuġġerixxu li sabiex jitjebu l-benesseri soġġettiv u l-kwalità tal-ħajja, huwa aktar importanti li niffukaw fuq it-titjib taċ-ċirkostanzi materjali ta' nies li huma l-aktar żvantaġġati milli li ngħollu l-istandard medju ta' għajxien, għalkemm il-mira tal-aħħar tibqa' importanti fl-ifqar PK3.
- It-titjib tas-saħħa tal-popolazzjoni huwa ta' importanza ċentrali għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja. Minbarra lil politiki għall-promozzjoni tas-saħħa u l-kura tal-mard, għandha tingħata attenzjoni lill-fehim ta' metodi oħrajn ta' titjib tal-kwalità tal-ħajja għal nies li huma morda jew li għandhom xi diżabilità. Jeħtieġu b'mod partikolari strateġiji li jindirizzaw il-benesseri emozzjonali tan-nies li jkunu morda.
- Għalkemm l-edukazzjoni wara l-livell sekondarju hija importanti għall-iżvilupp tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol u għat-titjib tal-kwalità tax-xogħol, m'humix mistennija benefiċċji diretti f'termini ta' benessere aqwa. L-eċċezzjonijiet huma nies b'livelli baxxi ta' edukazzjoni fl-SMĠ12, fejn il-promozzjoni tal-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ għandha tikseb riżultati pożittivi kbar f'dak li jirrigwarda benessere soġġettiv aqwa.
- Il-kwalità tal-ħajja ta' gruppi vulnerabbli, bħal nies li tilfu sieħeb jew il-ġenituri waħedhom, tista' titjeb permezz ta' interventi ta' politika mfassla sabiex inaqqsu l-vulnerabbiltà ekonomika tagħhom quddiem emerġenza finanzjarja.
- Il-kwalità tas-soċjetà hija importanti għas-sodisfazzjon tal-ħajja fl-UE15 u fl-SMĠ12, b'mod speċjali fil-każ ta' nies fil-bżonn. Servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja jaġixxu bħala kumpens għall-effetti ta' ċirkostanzi soċjoekonomiċi diffiċli. It-titjib tal-kwalità tas-servizzi pubbliċi m'huwjex neċessarjament kwistjoni tal-kwantità u t-tip ipprovduti, iżda ta' kif jitwasslu dawn is-servizzi. L-impenn lejn l-onestà, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet pubbliċi jtejjeb il-fiduċja f'dawn l-istituzzjonijiet, li huwa kejl ieħor tal-kwalità tas-soċjetà.

### Aktar informazzjoni

Ir-rapport dwar *Il-benesseri soġġettiv fl-Ewropa* huwa disponibbli online fuq <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef09108.htm>

Teresa Renehan, Uffiċjal tal-Infommazzjoni  
ter@eurofound.europa.eu